**127. Il-Prim Ministru l-Onor. Eddie Fenech Adami jipproponi:**

Billi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 11 tal- Att tal-1972 dwar l-Avjazzjoni Ċivili hemm maħsub li jekk il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili jkun sodisfatt li kumpannija iffurmata taħt il-liġijiet ta' Malta biex tipprovdi servizz ta' trasport bl-ajru jew biex tagħmel xi xorta oħra ta' attivita li għandha x'taqsam ma' l-avjazzjoni ċivili, jew biex tagħmel it-tnejn, tkun ingħatat licenzja għal servizz bl- ajru u li jekk il-Ministru jkun awtorizzat għalhekk b'Riżoluzzjoni tal-kamra tad-Deputati, hu jista' f'isem il-Gvern ta' Malta jakkwista jew jissottoskrivi għal, dak in-numru ta' azzjonijiet ta' dik il-kumpannija;

U billi fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 11 tal-istess Att hemm maħsub illi kull tibdil jew żieda fil-Memorandum jew fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni ta' kumpannija li tiegħu, fil-ħin ta' dak it-tibdil jew żieda, il-Gvern ta' Malta jkollu azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, ma jkollux effett qabel dik id-data li fiha dak it-tibdil jew iż-żieda jiġu approvati b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati jew f'dik id-data wara, jekk ikun hemm, kif ikun preskritt f'xi liġi oħra;

U billi l-"Air Malta Company Limited" hija kumpannija ffurmata skond is- subartikolu (2) ta' l-Artikolu 11 ta' l-imsemmi Att u fiha l-Gvern għandu azzjonijiet u għalhekk taqa' wkoll taħt id-disposizzjonijiet tas- subartikolu (3) tal-istess Artikolu 11;

U billi l-"Air Malta Company Limited" fit-13 ta' Ottubru, 1988 għaddiet riżoluzzjoni biex iżżid il-kapital awtorizzat, maħruġ u sottoskritt minn Lm1,250,000 għal Lm5,000,000, li minnhom Lm4,000,000 jkunu "A" Ordinary shares u Lm1,000,000 "B" Ordinary shares, maqsuma rispettivament fi 80 miljun 'A' Ordinary shares u 20 miljun "B" Ordinary shares kollha ta' 5 centezmi l- waħda billi tikkapitalizza Lm3,750,000 mir-riservi tagħha u toħroġ bonus issue ta' 60 miljun "A" Ordinary Shares u 15-il miljun "B" Ordinary Shares, liema riżoluzzjoni, li kopja tagħha tinsab fuq il-Mejda tal-Kamra tikkostitwixxi bidla fil-Memorandum ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija;

U billi l-Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili, jidhirlu xieraq li, jekk jiġi hekk awtorizzat b'Riżoluzzjoni tal-Kamra, jakkwista f'isem il-Gvern ta' Malta 57,300,000 "A" shares u 15,000,000 "B" shares, bħala bonus shares, b'żieda ma dawk li diġa' għandu l-Gvern;

Għalhekk qiegħed jiġi b'dan ir-Riżoluzzjoni approvat t-tibdil fil-Memorandum ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija biex tagħti effett għaż-żieda fil- kapital skond ir- riżoluzzjoni fuq imsemmija tal-kumpannija;

U qiegħed jiġi b'dan riżolut ukoll li l-Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili, huwa awtorizzat li jakkwista f'isem il-Gvern ta' Malta 57,300,000 "A" shares u 15,000,000 "B" shares bħala bonus shares b'żieda ma' dawk li diġa' għandu.

14.02.1989